# Trasformazzjoni ta' Komunità

## *it-Tielet Taqsima*

# Bidliet Kbar fil-Popolazzjoni tal-Marsa

Fl-edizzjoni tal-Festa li għaddiet kont tkellimt dwar kemm kienet kibret il-popolazzjoni tal-Marsa tul is-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija tant li fl-1957 laħqet l-10,672 ruħ. Sa tmiem is-snin 70, il-popolazzjoni niżlet għal 8,000 u r-rata kompliet nieżla sal-lum il-ġurnata. Illum iż-żewġ parroċċi jħaddnu popolazzjoni ta' madwar 4,700 ruħ li jinkludu wkoll partijiet mill-Ħamrun li jagħmlu maż-żewġ parroċċi. Hemm bosta fatturi li nistgħu nqisu wara din in-niżla konsistenti, fosthom l-industrijalizzazzjoni kbira, u bliet u rħula bi djar ġodda u ikbar li ħajru bosta koppji żgħażagħ sabiex jitilqu mill-Marsa. Bosta żgħażagħ Marsin meta żżewġu marru jgħixu Ħ'Attard, Santa Venera, Marsaskala, Birżebbuġa, in-Naxxar u l-Mosta. Illum il-Marsa għandha popolazzjoni anzjana ħafna, l-ogħla wara Tas-Sliema u l-Belt. Nittama li l-Marsa m'għadx trid tgħaddi mid-destin li għaddew bliet industrijali oħra, bħal Warrenby fi Cleveland, fil-grigal tal-Ingilterra, li llum spiċċat post bla residenti u mimli fabbriki u mħażen. Bir-rata dejjem nieżla tal-popolazzjoni, il-Marsa jista' jiġrilha hekk u hemm ċans kbir li jiżdiedu l-kerrejja.

Illum hemm ukoll barranin oħra jgħixu fil-Marsa, ikkonċentrati ħafna fil-Parroċċa Ssma Trinità. Dawn jinkludu ħaddiema mil-lvant tal-Ewropa li jaħdmu qrib it-tarznari żgħar fil-Port kif ukoll ħafna immigranti irregolari u refuġjati. Dawn ilhom hawn iktar minn għaxar snin u fil-bidu tpoġġew f'Ċentru Miftuħ fejn kienet l-Iskola tal-Port. Illum tferrxu madwar il-Marsa u Malta kollha. Il-preżenza tagħhom qajmet kontroversji fost il-komunità u wieħed jifhimha meta jqis li dawn in-nies, fil-parti l-kbira tagħhom Għarab u Afrikani, huma ta' kultura u attitudni differenti ħafna. Wieħed jifhem li hemm numru sew minnhom li tassew ġarrbu periklu kbir, tbatijiet u torturi kbar f'pajjiżhom mnejn ġew. Hemm ukoll min m'għandux dritt jibqa' hawn. Barra minn hekk, kien hemm bosta mumenti fejn l-aġir ta' xi wħud minnhom kien qed ikun ta' għajb għal min hu refuġjat. Hemm min hu wkoll eżemplari u żgur ma jridx jara abbużi, kif fil-fatt huma ħafna minnhom. Hi sitwazzjoni kumplessa li teħtieġ soluzzjoni fejn it-tbatija trid tkun mill-inqas fuq iż-żewġ naħat.

Bħalma ġara f'postijiet oħra fejn hemm konċentrazzjoni kbira ta' dawn in-nies, bħal f'Ħal Far u Ħal Safi, it-tħassib tal-komunitajiet huwa kbir. Hi sitwazzjoni li se tkompli tikber jekk sakemm dawn in-nies jibqgħu hawn ma jintegrawx u jirrispettaw il-liġijiet u l-kulturi tagħna. Tul dawn l-aħħar xhur is-sitwazzjoni tjiebet ftit imma nemmen li jrid ikun hemm iktar azzjonijiet. Il-liġi trid tkun iktar iebsa fuq kull min jiksirha (inkluż Maltin li jisfruttawhom) u rridu nkunu proattivi billi jkun hemm iktar tagħlim u iktar miżuri sabiex dawn in-nies, jekk ikun ħaqqhom xi forma ta' ħarsien, ikollhom ħajja aħjar sakemm idumu hawn, ikunu iktar edukati u jkunu mexxejja tajbin ħalli jekk pajjiżhom jirranġa jmorru lura b'dawn il-valuri. Ma' dan il-fenomenu wieħed irid ukoll iżid prattiċi oħra xejn sbieħ li jridu wkoll jiġu indirizzati bħall-prostituzzjoni, it-traffikar tad-droga u d-dokumentar falz marbut mat-traffikar tan-nies. Mingħajr ebda dubju, il-preżenza ta' dawn in-nies hija sfida fiha nnifisha. Illum hawnhekk jgħixu mal-50 nazzjonalità differenti, fosthom Żvediżi, Ingliżi, Slavi, Afrikani u Għarab. Hi sfida għax għandna wkoll l-opportunità li nippruvaw ruħna permezz tat-twemmin Kristjan tagħna. Filwaqt li rridu nżommu sod sabiex il-liġi tkun imħarsa u l-abbużi jinqatgħu, irridu nifhmu wkoll li wieħed irid iħares lejn dawn in-nies b'kompassjoni u dan hu tabilħaqq eżami fil-kuxjenza tagħna. Hawn hu ċ-ċans li l-għaqdiet tagħna jgħinu biex ikun hemm forum ta' diskussjoni u rispett lejn dawn in-nies. Wara kollox, wieħed għandu għalfejn tassew jifraħ li minkejja popolazzjoni tassew żgħira għad fadal joperaw bosta għaqdiet li għadhom jagħtu riżultati fejjieda. U dawn jistgħu jilħqu lill-barranin ukoll!

Fl-imgħoddi, faxxa ta' art żdingata għall-aħħar u li kienet tagħmel mal-Marsa nġabret u ġiet żviluppata bħala l-Valletta Waterfront. Illum tagħmel parti mill-Furjana. Hemm ħafna iktar postijiet b'potenzjal fil-Marsa li jistgħu jiġu żviluppati bħala kontinwazzjoni tal-Valletta Waterfront, iktar u iktar meta wieħed iqis li hemm panorama tant sabiħa minn fuq l-Għolja tal-Ġiżwiti u Triq Belt il-Ħażna. Diġà parti minn din il-veduta tħassret b'bini kbir li jservi ta' mħażen imma għad fadal ħafna art li tista' tinġabar u jekk proġett bħal dan isir jista' jfisser bidu ġdid għal-lokalità u forsi anki żieda fil-popolazzjoni. Hemm ħafna x'tomogħdu fejn jidħol il-potenzjal tal-Marsa, 103 snin wara li saret parroċċa.




***Triq Belt il-Ħażna***